**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Dicembru 2001**

**Rikors numru 469/01 GC**

**Silvio Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Master Wine Limited illum maghrufa bhala Masters Distributors Limited**

**vs**

**Ali Elmeharran**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Silvio Camilleri nomine fejn gie sottomess:-

Illi l-kawza fl-ismijiet "Silvio Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Master Wine Limited vs Ali Elmeharran" (Cit. Nru. 721/91 AM) giet deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 1994, u a tenur ta' l-istess sentenza l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm3961.25 (tlett'elef, disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) oltre l-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet. (Dokument A);

Illi minn dak li gie kkundannat ihallas l-intimat hallas biss Lm2800 (elfejn u tmin mitt lira Maltin) u ghalhekk oltre l-imghaxijiet u spejjez fadallu jhallas bilanc ta' Lm1161.25 (elf, mija, wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu);

Illi mid-data tas-sentenza imsemmija ghaddew aktar minn hames (5) snin, u l-esponenti ghandu interess illi jipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex jithallas dak li huwa dovut lilu;

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine, filwaqt li ghamel referenza ghall-artikoli 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), talab li dina l-Qorti tawtorizzah jipprocedi bil-mandati opportuni sabiex jesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati;

Rat illi l-intimat naqas li jidher u naqas li jippresenta n-nota responsiva tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001;

Peress li mill-kumpless ta' provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti nomine jirrizultaw sufficjentement pruvati;

Tipprovdi billi tilqa t-talbiet kollha tar-rikorrenti nomine u tawtorizza lir-rikorrenti nomine sabiex jghaddi biex jesegwixxi s-sentenza in kwestjoni cioe dik fl-ismijiet "Silvio Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Master Wine Limited vs Ali Elmeharran" (Citazzjoni numru 721/91 AM) deciza fil-25 ta' Mejju 1994;

Spejjez kontra l-intimat.